IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.3.2011
KUMM(2011) 127 finali

2011/0060 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati

{KUMM(2011) 125 finali}
{KUMM(2011) 126 finali}
{SEG(2011) 327 finali}
{SEG(2011) 328 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Il-kuntest ġenerali

Skont l-Artikolu 67(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni hija spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 67(4) jipprevedi li l-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili. L-Artikolu 81 tal-istess Trattat isemmi espressament miżuri bil-għan li jiżguraw "ir-rikonoxximent reċiproku bejn Stati Membri u l-infuzar ta' deċiżjonijiet f'każijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji" kif ukoll "il-kompatibbiltà tar-regoli applikabbli fl-Istati Membri dwar il-kunflitt tal-liġijiet u tal-ġuriżdizzjoni". Diġà ġew adottati bosta strumenti fuq din il-bażi, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 2201/2003, iżda dawn ma jinkludux l-aspetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

Il-Programm dwar ir-Rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali[1], li ġie adottat mill-Kunsill fit-30 ta' Novembru 2000, kien diġà jipprevedi t-tfassil ta' strument dwar il-ġuriżdizzjoni tal-qrati, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qasam tar-"reġimi tal-proprjetà matrimonjali u l-konsegwenzi patrimonjali tas-separazzjoni ta' koppji mhux miżżewġin". Il-Programm tal-Aja,[2] adottat mill-Kunsill Ewropew tal-4 u l-5 ta' Novembru 2004, li stabbilixxa bħala l-ewwel prijorità tiegħu l-implimentazzjoni tal-Programm ta' rikonoxximent reċiproku tas-sena 2000, kif ukoll tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni li jimplimentah, kien stieden lill-Kummissjoni tippreżenta Green Paper dwar "is-soluzzjoni tal-kunflitti tal-liġijiet fil-qasam tar-reġim matrimonjali, li tittratta, b'mod partikolari, il-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-qrati u r-rikonoxximent reċiproku" u kien enfasizza l-ħtieġa li sal-2011 jiġi adottat strument f'dan il-qasam.

Il-programm ta' Stokkolma, li ġie adottat fil-11 ta' Diċembru 2009 mill-Kunsill Ewropew, isemmi wkoll li r-rikonoxximent reċiproku għandu jiġi estiż għar-reġimi matrimonjali u għall-konsegwenzi patrimonjali tas-seperazzjoni tal-koppji.

Fir-"Rapport tal-2010 dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni : It-tneħħija tal-ostakoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni"[3], li ġie adottat fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni identifikat l-inċertezza dwar id-drittijiet ta' proprjetà tal-koppji internazzjonali bħala wieħed mill-ostakoli ewlenin li ċ-ċittadini jsibu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum meta jkunu qed jeżerċitaw id-drittijiet li tagħtihom l-UE lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom. Għalhekk, bħala mod biex tegħleb dan l-ostakolu, hija ħabbret l-adozzjoni fl-2011 ta' proposta ta' strument leġiżlattiv li jippermetti lill-koppji internazzjonali (miżżewġin jew fi sħubija reġistrata) li jsiru jafu b'mod aktar faċli liema qrati għandhom ġuriżdizzjoni u liema liġi hija applikabbli għad-drittijiet ta' proprjetà tagħhom.

1.2. Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Iż-żieda fil-mobilità tal-persuni fi ħdan żona mingħajr fruntieri interni ġġib magħha żieda sinifikanti fl-unjonijiet, tkun xi tkun is-sura tagħhom, bejn ċittadini ta' Stati Membri differenti u fil-

---

1 ĠU C 12, 15.1.2001, p.1.
2 ĠU C 53, 3.3.2005, p.1.
3 COM(2010) 603.

preżenza ta' dawn il-koppji fi Stat Membru li ma jkollhomx in-nazzjonalità tiegħu flimkien, ħafna drabi, mal-akkwist ta' proprjetà li tkun tinsab fit-territorju ta' diversi pajjiżi tal-Unjoni. Minn studju li sar mill-konsorzju ASSER-UCL[4] fl-2003 joħroġ id-daqs tal-fenomenu tal-koppji transkonfinali fi ħdan l-Unjoni u tad-diffikultajiet prattiċi u legali li jiffaċċjaw kemm fl-amministrazzjoni ta' kuljum tal-proprjetà tal-koppja kif ukoll fil-waqt li din tinqasam, minħabba s-separazzjoni tal-koppja jew minħabba l-mewt ta' membru tagħha. Għalkemm l-aktar tip komuni ta' unjoni hija dik tal-koppja miżżewġa, infirxu sew tipi ġodda ta' unjoni, fosthom is-sħubija reġistrata, li tirreferi għall-unjoni ta' żewġ persuni involuti f'relazzjoni stabbli li tkun reġistrata formalment ma' awtorità pubblika. Id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-koppji li jkunu rreġistraw is-sħubija tagħhom ta' spiss huma marbutin mad-differenzi kbar bejn ir-regoli applikabbli - kemm ir-regoli tad-dritt sostantiv u dawk tad-dritt internazzjonali privat - li jirregolaw il-qasam tal-effetti patrimonjali ta' dawn l-unjonijiet.

Il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta żewġ proposti ta' regolamenti distinti minħabba l-partikolarijiet speċifiċi tas-sħubija reġistrata u taż-żwieġ u minħabba l-konsegwenzi legali differenti li jġibu magħhom dawn it-tipi ta' unjoni: proposta minnhom tirrigwarda l-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u l-oħra tirrigwarda l-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam tar-reġimi matrimonjali.

Din il-proposta għandha l-għan, b'mod partikolari, li tistabbilixxi qafas legali ċar fl-Unjoni Ewropea, li jkopri d-determinazzjoni tal-qorti kompetenti u l-liġi applikabbli fil-qasam tal-aspetti patrimonjali ta' dawn is-sħubijiet u li tiffaċilita ċ-ċirkolazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-atti fost l-Istati Membri.

2. RIŻULTAT TAL-KONSULTAZZJONIJIET – ANALIŻI TAL-IMPATT

It-tħejjija ta' din il-proposta kienet ippreċeduta minn konsultazzjoni wiesgħa mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet l-oħra u mal-pubbliku. Wara l-istudju li twettaq fl-2003, fis-17 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni ppubblikat Green Paper dwar il-kunflitti tal-liġijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, inkluża b'mod partikolari l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent reċiproku[5], li tat bidu għal konsultazzjoni wiesgħa f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni waqqfet grupp ta' esperti magħruf bħala "PRM/III" għat-tħejjija tal-proposta. Dan kien magħmul minn membri ġejjin mill-professjonijiet differenti kkonċernati li jirrappreżentaw il-kulturi legali Ewropej differenti u li ltaqa' ħames darbiet bejn l-2008 u l-2010. Fit-28 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni organizzat ukoll smigħ pubbliku li matulu l-iskambji differenti ma' madwar mitt parteċipant ikkonfermaw il-ħtieġa għal strument tal-Unjoni f'dan il-qasam li jkopri, b'mod partikolari, il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet. Fit-23 ta' Marzu 2010 ġiet ukoll organizzata laqgħa mal-esperti nazzjonali biex jiġu diskussi l-aspetti ġenerali tal-proposta li kienet qed titħejja.

Fl-aħħarnett il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt komuni dwar il-proposti għal regolamenti dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u dwar ir-reġimi matrimonjali rispettivament. Dan huwa anness ma' din il-proposta.

---

4 Studju dwar ir-reġimi matrimonjali tal-koppji miżżewġa u l-patrimonju tal-koppji mhux miżżewġa fid-dritt internazzjonali privat u d-dritt intern tal-Istati Membri tal-Unjoni, Konsorzju ASSER-UCL, http://europa.eu.int/comm/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

5 COM(2006) 400.

3. ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Il-bażi legali

Il-bażi legali ta' din il-proposta huwa l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jagħti lill-Kunsill il-kompetenza li jadotta l-miżuri dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew

Kif inhu l-każ għar-reġimi matrimonjali, ir-relazzjonijiet patrimonjali li jkunu jeżistu bejn is-sħab, minn naħa, u bejn is-sħab u terzi persuni, min-naħa l-oħra, jiddependu fuq l-eżistenza preliminari ta' sħubija reġistrata. Fil-fatt, l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jinħolqu bir-reġistrazzjoni tas-sħubija – bħalma r-reġim matrimonjali jinħoloq miż-żwieġ - u jisparixxu max-xoljiment tagħha. Permezz tar-reġistrazzjoni tas-sħubija ma' awtorità pubblika, is-sħab jistabbilixxu relazzjonijiet ta' natura stabbli u legalment rikonoxxuta bejniethom. Barra minn dan, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li fil-leġiżlazzjoni tagħhom jipprevedu regoli applikabbli għas-sħubija jassimilaw din l-istituzzjoni, safejn dan huwa possibbli, maż-żwieġ.

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi stabbiliti korp komplut ta' regoli ta' dritt internazzjonali privat applikabbli għall-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. B'hekk il-Proposta tirrigwarda l-ġuriżdizzjoni tal-qrati, il-liġi applikabbli u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet mogħtija dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Ir-regoli li jinsabu fil-proposta japplikaw biss f'sitwazzjonijiet ta' natura transkonfinali. Għaldaqstant ir-rekwiżit ta' implikazzjonijiet transkonfinali previst fl-Artikolu 81(3) tat-Trattat hu sodisfatt.

3.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

L-għanijiet ta' din il-Proposta jistgħu biss jintlaħqu fil-forma ta' regoli komuni fil-qasam tal-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, li għandhom ikunu identiċi sabiex ikun hemm iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà għaċ-ċittadini. L-azzjoni unilaterali tal-Istati Membri għalhekk tmur kontra dan l-għan. F'dan il-qasam ma jeżistu l-ebda konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli, għajr il-Konvenzjoni dwar ir-rikonoxximent tas-sħubijiet reġistrati tal-5 ta' Settembru 2007 tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Istat Ċivili. Iżda din il-Konvenzjoni tirrigwarda biss ir-rikonoxximent tas-sħubijiet u għadha ma daħlitx fis-seħħ u b'hekk ma jidhirx li tista' twassal għas-soluzzjonijiet mistennija fil-konfront tad-diversi problemi indirizzati minn din il-Proposta, li rriżultaw kemm mill-valutazzjoni tal-impatt kif ukoll mill-konsultazzjoni pubblika. In-natura u d-daqs tal-problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini jfissru li l-għanijiet jistgħu biss jintlaħqu fil-livell tal-Unjoni.

3.3. Il-prinċipju ta' proporzjonalità

Il-Proposta tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità f'dak li hi strettament limitata għal dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Il-Proposta ma tarmonizzax il-liġi dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati tal-Istati Membri. Lanqas ma għandha effett fuq l-aspetti fiskali tal-likwidazzjoni tal-lat patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, kif previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Hija mhi se tinvolvi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv għaċ-ċittadini u se twassal biss għal piż żejjed limitat ħafna fuq l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.

3.4. L-impatt fuq id-drittijiet fundamentali

B'konformità mal-Strateġija tal-Unjoni għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[6], il-Kummissjoni vverifikat li l-Proposta tirrispetta d-drittijiet stabbiliti fil-Karta.

Hija ma tippreġudikax id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għaż-żwieġ u għat-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, li huma rispettivament previsti fl-Artikoli 7 u 9 tal-Karta.

Id-dritt ta' proprjetà, li jinsab fl-Artikolu 17 tal-Karta, huwa msaħħaħ. Il-prevedibbiltà rigward il-liġi applikabbli għall-proprjetà kollha tal-koppja fil-fatt se tippermetti lis-sħab li jgawdu b'mod aktar effettiv mid-dritt tagħhom ta' proprjetà.

Il-Kummissjoni vverifikat ukoll li tqis l-Artikolu 21, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni.

Fl-aħħarnett, id-dispożizzjonijiet proposti jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja fl-Unjoni għaċ-ċittadini u, b'mod partikolari, għall-koppji li jinsabu fi sħubija reġistrata. Huma jiffaċilitaw id-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li jiggarantixxi d-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess imparzjali. Billi jipprovdu kriterji oġġettivi għad-determinazzjoni tal-qorti kompetenti, jitwarrbu l-proċedimenti paralleli kif ukoll ir-rikorsi mgħaġġla għall-qrati mill-aktar parti attiva.

3.5. L-għażla ta' strument

Il-ħtieġa ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà tirrikjedi regoli ċari u uniformi u l-forma ta' regolament. Ir-regoli proposti dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli u ċ-ċirkolazzjoni tad-deċiżjonijiet huma fid-dettall u preċiżi u ma jirrikjedu l-ebda traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali. L-għanijiet taċ-ċertezza u l-prevedibbiltà legali jiġu ppreġudikati kieku l-Istati Membri jingħataw marġni ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tar-regoli.

4. IMPATTI FUQ IL-BAĠIT, SIMPLIFIKAZZJONI U KOERENZA MAL-POLITIKI L-OHRAJN TAL-UNJONI

4.1. L-impatt fuq il-baġit

Din il-proposta mhi ser ikollha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

4.2. Simplifikazzjoni

L-armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni se tissimplifika konsiderevolment il-proċedimenti billi tippermetti li jiġi stabbilit, skont regoli kondiviżi, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' kawża li tirrigwarda l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrti. L-estensjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-qrati li jitressqu quddiemhom proċedimenti dwar suċċessjoni minħabba l-mewt ta' wieħed mis-sħab, skont strument futur tal-Unjoni, jew minħabba proċedimenti ta' separazzjoni tas-sħab għall-proċedimenti marbutin magħhom li jirrigwardaw ir-reġim

[6] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, COM(2010) 573 tad-19.10.2010.

patrimonjali, se tippermetti liċ-ċittadini li jkollhom qorti waħda li tisma' l-aspetti kollha tas-sitwazzjoni tagħhom

L-armonizzazzjoni tar-regoli tal-kunflitt tal-liġijiet se tissimplifika ħafna l-proċedimenti billi tiddetermina liema l-liġi hija applikabbli.

Fl-aħħarnett, ir-regoli proposti dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji se jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni tagħhom fost l-Istati Membri.

4.3. Konsistenza mal-politiki l-oħra tal-Unjoni

Din il-proposta tagħmel parti mill-qafas tal-eżerċizzju mniedi mill-Kummissjoni bl-għan li telimina l-ostakoli li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini tal-Unjoni meta jeżerċitaw id-drittijiet li l-UE tagħtihom fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, kif ġie mħabbar fir-Rapport tal-2010 dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li ġie ċċitat aktar 'il fuq.

5. KUMMENTI DWAR L-ARTIKOLI

5.1. Kapitolu I: Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Artikolu 1

L-effetti personali tas-sħubijiet reġistrati huma espressament eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li hu ddedikat għall-aspetti patrimonjali tagħhom. Dawn l-aspetti patrimonjali jkopru kemm l-aspetti li jirrigwardaw il-ġestjoni ta' kuljum tal-proprjetà tas-sħab, kif ukoll dawk marbuta mal-likwidazzjoni tagħha, minħabba s-separazzjoni tal-koppja jew il-mewt ta' wieħed mis-sħab.

Fir-rigward tal-għażla tal-oqsma affettwati mill-istrument futur, deher preferibbli li titfassal lista eżawrjenti tal-oqsma eskluži mir-Regolament. B'hekk l-oqsma li diġà ġew trattati mir-Regolamenti eżistenti tal-Unjoni, bħall-obbligi ta' manteniment[7], b'mod partikolari bejn is-sħab, u l-kwistjonijiet dwar il-validità u l-effetti ta' donazzjonijiet[8], se jkunu eskluži, b'mod partikolari, mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament. Il-kwistjonijiet li jagħmlu parti mid-dritt tas-suċċessjoni huma wkoll eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

Ir-Regolament ma jaffettwax in-natura tad-drittijiet *in rem* li jkunu jirrigwardaw proprjetà, il-kwalifika tal-proprjetà u tad-drittijiet u d-determinazzjoni tal-prerogattivi tad-detentur ta' dawn id-drittijiet. Il-pubbliċità tad-drittijiet tal-proprjetà, b'mod partikolari, tal-funzjonament tar-reġistru tal-proprjetà immobbli u l-effetti ta' iskrizzjoni jew ta' nuqqas ta' iskrizzjoni f'dan ir-reġistru, huma wkoll eskluži mill-applikazzjoni tar-Regolament.

---

7 Irregolati mir-Regolament (KE) Nru 4/2009 (ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1).

8 Irregolati mir-Regolament (KE) Nru 593/2008 (ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6).

Artikolu 2

Għal skop ta' koerenza u sabiex jinftiehmu aħjar u jkunu implimentati b'mod uniformi, uħud mid-definizzjonijiet ta' kunċetti li jinsabu f'dan ir-Regolament huma kondiviżi ma' strumenti oħra tal-Unjoni li bħalissa huma applikabbli jew li bħalissa qed jiġu negozjati.

L-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, li huma l-uniku suġġett ta' dan ir-Regolament, ingħataw definizzjoni speċifika li tillimitahom biss għar-relazzjonijiet patrimonjali li jeżistu bejn is-sħab u bejn is-sħab u terzi persuni, minħabba r-relazzjoni istituzzjonalizzata permezz tar-reġistrazzjoni tas-sħubija.

Barra minn dan, il-kunċett ta' "qorti", kif definit, jinkludi l-awtoritajiet li jeżerċitaw il-funzjonijiet permezz ta' delega jew nomina minn qorti u jippermetti li l-atti ta' dawn l-awtoritajiet jiġu assimilati ma' deċiżjonijiet ġudizzjarji f'dak li jirrigwarda l-mod kif jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru li mhuwiex dak li fih ingħataw.

5.2. Kapitolu II: Ġuriżdizzjoni

Il-proċeduri ġudizzjarji dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati ta' spiss ikunu r-riżultat tal-likwidazzjoni tal-proprjetà minħabba tmiem il-koppja, b'riżultat tal-mewt ta' wieħed mis-sħab jew tas-separazzjoni tagħhom.

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa b'mod partikolari li jippermetti li ċ-ċittadini jkollhom il-proċedimenti differenti konnessi ttrattati mill-qrati tal-istess Stat Membru. Biex dan isir, ir-Regolament jiżgura li r-regoli dwar id-determinazzjoni tal-ġuriżdizzjoni tal-qrati mitluba li jieħdu konjizzjoni tal-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jkunu armonizzati mar-regoli li diġà jeżistu jew li huma ppjanati fl-istrumenti Ewropej l-oħrajn.

Artikolu 3

B'hekk, skont ir-regoli previsti mir-Regolament (UE) Nru…/… *[tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni],* il-ġuriżdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru, li jkollhom il-ġuriżdizzjoni territorjali biex jittrattaw il-likwidazzjoni tas-suċċessjoni ta' wieħed mis-sħab minħabba l-mewt tiegħu, tiġi estiża għal-likwidazzjoni tal-assi patrimonjali tas-sħubija reġistrata minħabba l-ftuħ tas-suċċessjoni.

Madankollu, il-qrati ta' dan l-Istat Membru se jkollhom il-possibbiltà li jirrifjutaw din l-estensjoni tal-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi interna ta' dan l-Istat ma tkunx tipprovdi għall-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata.

Artikolu 4

Bl-istess mod, u sabiex fil-każ tas-separazzjoni tas-sħab il-qorti tal-Istat Membru li quddiemha titressaq il-kawża tkun tista' tittratta l-aspetti kollha ta' din is-separazzjoni mingħajr ma tisforza lill-partijiet iressqu kawżi f'diversi Stati differenti, il-ġuriżdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru li jittrattaw ix-xoljiment jew l-annullament ta' sħubija reġistrata tista', jekk il-partijiet jaqblu, tiġi estiża għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata li jirriżultaw minn dan ix-xoljiment jew annullament tas-sħubija reġistrata.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jipprevedi wkoll regoli speċifiċi dwar il-ġuriżdizzjoni li japplikaw fil-każijiet l-oħrajn u, b'mod partikolari, indipendentement minn kwalunkwe proċedimenti ta' suċċessjoni jew ta' separazzjoni tal-koppja. Hemm lista ta' kriterji ta' konnessjoni f'ordni ta' preċedenza biex ikun jista' jiġi stabbilit l-Istat Membru li l-qrati tiegħu għandhom il-ġuriżdizzjoni biex jisimgħu proċedimenti dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

Il-kriterji proposti jinkludu r-residenza abitwali komuni tas-sħab, l-aħħar residenza abitwali komuni jekk wieħed mis-sħab ikun għadu joqgħod hemm u r-residenza abitwali tal-konvenut. Jekk, bħal fil-każ tal-Artikoli 3 u 4, il-qrati tal-Istat Membru magħżul skont il-kriterji elenkati hawn fuq jistgħu jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi interna ta' dan l-Istat ma tipprovdix għas-sħubija reġistrata, l-Artikolu 5 jipprevedi bħala l-aħħar kriterju l-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tas-sħubija.

Artikolu 6

Meta ma tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat Membru bis-saħħa tal-Artikoli preċedenti, dan l-Artikolu jippermetti li jiġi ddeterminat l-Istat Membru li l-qrati tiegħu jistgħu, eċċezzjonalment, jisimgħu il-kawża. Din ir-regola tiggarantixxi li s-sħab u t-terzi persuni interessati jkollhom aċċess għall-ġustizzja meta jkun hemm proprjetà ta' wieħed mis-sħab jew tat-tnejn fit-territorju ta' dak l-Istat Membru kif ukoll meta ż-żewġ sħab ikollhom it-tnejn li huma n-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru.

5.3. Kapitolu III: Liġi applikabbli

Artikolu 15

Id-differenzi li hemm bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jipprevedu s-sħubija reġistrata jiġġustifikaw il-prinċipju adottat minn dan ir-Regolament dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat fejn tiġi reġistrata sħubija għall-effetti patrimonjali tagħha. Dan il-prinċipju jidher li jikkonforma mal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri fuq is-sħubija reġistrata, li jipprevedu l-applikazzjoni ġenerali tal-liġi tal-Istat fejn din tiġi reġistrata, u ma jikkunsidrawx il-possibbiltà għas-sħab li jagħżlu liġi oħra barra dik tal-Istat ta' reġistrazzjoni, anki jekk tingħatalhom il-possibbiltà li jikkonkludu ftehimiet bejniethom.

L-affermazzjoni ta' dan il-prinċipju twassal għall-unità fil-fatt tal-liġi applikabbli għall-proprjetà kollha tal-patrimonju tal-koppja suġġetta għall-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, irrispettivament mit-tip ta' proprjetà jew minn fejn tinsab.

Artikolu 16

Ir-regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet li tinsab fl-Artikolu preċedenti tapplika għat-tipi kollha ta' sħubija reġistrata, irrispettivament mill-Istat fejn din tiġi konkluża u mhux biss għas-sħubijiet reġistrati konklużi fi Stat Membru.

Artikolu 17

Sabiex jitqiesu r-regoli ta' applikazzjoni meħtieġa f'kull Stat Membru u, b'mod partikolari tal-protezzjoni tal-akkomodazzjoni tal-familja, din id-dispożizzjoni tippermetti li titwarrab l-applikazzjoni ta' liġi barranija ġo Stat u tiġi applikata l-liġi tiegħu stess. B'hekk, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-akkomodazzjoni tal-familja, l-Istat Membru fejn tkun tinsab din l-akkomodazzjoni jkun jista' jimponi r-regoli tiegħu ta' protezzjoni tal-akkomodazzjoni tal-familja. B'mod eċċezzjonali, dan l-Istat jista' japplika l-liġi tiegħu fil-każ ta' kull persuna li tkun tgħix fit-territorju tiegħu bi "preferenza" għad-dispożizzjonijiet tal-kuntratt ta' sħubija ta' din il-persuna konkluż fi Stat Membru ieħor.

5.4. Kapitolu IV: Rikonoxximent, eżegwibbiltà u eżekuzzjoni

Il-proposta tipprevedi ċ-ċirkolazzjoni libera tad-deċiżjonijiet, tal-atti awtentiċi u tat-tranżazzjonijiet ġudizzjarji fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Hija b'hekk twettaq rikonoxximent reċiproku, ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka li tirriżulta mill-integrazzjoni tal-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

Din iċ-ċirkolazzjoni libera titwettaq permezz ta' proċedura uniformi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet, l-atti awtentiċi u t-tranżazzjonijiet ġudizzjarji li joriġinaw fi Stat Membru ieħor. Din il-proċedura tissostitwixxi l-proċeduri nazzjonali li bħalissa huma fis-seħħ fl-Istati Membri differenti. Ir-raġunijiet biex ma jkunx hemm rikonoxximent jew għaċ-ċaħda ta' eżekuzzjoni huma wkoll armonizzati fil-livell Ewropew u tnaqqsu għall-minimu meħtieġ. Huma jissostitwixxu r-raġunijiet diversi u ta' sikwit aktar wesgħin li jeżistu bħalissa fil-livell nazzjonali.

Deċiżjonijiet

Ir-regoli proposti dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet huma fuq l-istess linji ta' dawk proposti fil-qasam tas-suċċessjoni. Huma għalhekk jinkludu riferiment għall-proċedura tal-exequatur li teżisti fil-qasam ċivili u kummerċjali. Għaldaqstant kull deċiżjoni ta' Stat Membru tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr proċedura partikolari. Sabiex jikseb l-eżekuzzjoni tagħha, ir-rikorrent ikollu jressaq proċedura uniformi fl-Istat ta' eżekuzzjoni li tippermettilu jikseb dikjarazzjoni li tikkonstata l-eżegwibbilità. Il-proċedura hija unilaterali u fil-bidu hija limitata għal verifika tad-dokumenti. Huwa biss fi stadju ulterjuri, meta jkun hemm oġġezzjoni mill-konvenut li l-imħallef iwettaq eżami tar-raġunijiet possibbli għal rifjut. Dawn ir-raġunijiet jiżguraw li jkun hemm protezzjoni xierqa tad-drittijiet tal-konvenuti.

Dawn ir-regoli jirrappreżentaw pass importanti 'il quddiem f'dan il-qasam meta wieħed jagħmel paragun mas-sitwazzjoni attwali. Fil-fatt, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet huma llum irregolati mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri jew mill-ftehimiet bilaterali konklużi bejn ċerti Stati Membri. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għalhekk ivarjaw skont l-Istati Membri kkonċernati, hekk kif ivarjaw ukoll id-dokumenti meħtieġa sabiex tinkiseb id-dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà u r-raġunijiet li għalihom jistgħu jinċaħdu deċiżjonijiet barranin.

Kif ġie spjegat aktar 'il fuq, dan ir-Regolament huwa miżura inizjali meħuda fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u jirrigwarda l-liġi tal-familja (ara l-punt 3.1). Fid-dawl ta' dan

il-kuntest speċifiku, iċ-ċirkolazzjoni libera tad-deċiżjonijiet hija suġġetta għall-proċedura ta' exequatur bħal dik li llum teżisti fir-Regolament Brussell I li bħalissa huwa fis-seħħ[9].

Madankollu, bħalma sar f'oqsma oħrajn, tista' tiġi kkunsidrata t-tneħħija ta' proċeduri intermedji (exequatur) wara li ssir evalwazzjoni tar-regoli li jinsabu f'dan ir-regolament u tal-iżvilupp tal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati.

L-atti mħejjija minn awtoritajiet li jkunu qed jeżerċitaw is-setgħa tagħhom b'delega jew b'nomina, skont id-definizzjoni ta' qorti prevista fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu assimilati mad-deċiżjonijiet u għalhekk ikunu koperti mid-dispożizzjonijiet dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni previsti minn dan il-Kapitolu.

Atti Awtentiċi

Fid-dawl tal-importanza prattika tal-atti awtentiċi fil-qasam tal-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u sabiex tiġi żgurata l-koerenza ta' dan ir-Regolament mal-istrumenti l-oħra tal-Unjoni f'dan il-qasam, dan ir-Regolament għandu jiżgura li dawn jiġu rikonoxxuti sabiex tkun possibbli ċ-ċirkolazzjoni libera tagħhom.

Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi jfisser li dawn igawdu mill-istess valur probatorju f'dak li jirrigwarda l-kontenut tal-att irreġistrat u l-fatti kkonstatati fih u mill-istess preżunzjoni ta' awtentiċità u min-natura eżekuttiva bħal fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

5.5. Kapitolu V: Effetti fil-konfront ta' terzi persuni

Dawn id-dispożizzjonijiet huma mfassla sabiex jikkonċiljaw iċ-ċertezza legali tas-sħab rigward ir-relazzjonijiet tagħhom ma' terzi persuni u l-protezzjoni ta' dawn it-terzi persuni meta tiġi applikata regola li la setgħu jkunu jafuha u lanqas jippreveduha. B'hekk l-Istati Membri jitħallew bil-possibbiltà li jipprevedu, għall-atti konklużi bejn wieħed mis-sħab jew terza persuna li tkun residenti fit-territorju tagħhom, li s-sieħeb/sieħba ikun/tkun jista'/tista' biss juża/tuża r-regoli applikabbli għall-aspetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata jekk dawn ikunu ġew ippubblikati hemm jew jekk it-terza persuna tkun ġiet infurmata dwarhom jew kellha tkun ġiet infurmata dwarhom.

[9] ĠU L 12, 16. 01. 2001, p. 1

2011/xxxx (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet tal-effetti patrimonjali ta' sħubijiet reġistrati

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[10],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[12],

Waqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea għandha l-għan li żżomm u tiżviluppa spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja li fih ikun żgurat il-moviment ħieles tal-persuni. Sabiex dan l-ispazju jiġi stabbilit progressivament, l-Unjoni trid tadotta miżuri dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja f'oqsma ċivili b'implikazzjonijiet transkonfinali.

(2) Waqt il-laqgħa tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew approva l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u ta' deċiżjonijiet oħra ta' awtoritajiet ġudizzjarji bħala s-sisien tal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u stieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jadottaw programm ta' miżuri bl-għan li jiġi implimentat dan il-prinċipju..

(3) Fit-30 ta' Novembru 2000, il-Kunsill adotta abbozz ta' programm tal-miżuri dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili u kummerċjali[13]. Il-programm jiddeskrivi l-miżuri dwar l-armonizzazzjoni tar-regoli ta' kunflitti tal-liġijiet li għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku tad-

---

10 ĠU …, …, p. ….
11 ĠU …, …, p. ….
12 ĠU …, …, p. ….
13 ĠU C 12, 15.1.2001, p.1.

deċiżjonijiet. Huwa jipprevedi it-tħejjija ta' strument jew ta' diversi strumenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tar-reġimi matrimonjali u l-konsegwenzi patrimonjali tas-separazzjoni tal-koppji li mhumiex miżżewġin.

(4) Il-Kunsill Ewropew, waqt il-laqgħa tiegħu fi Brussell fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004, adotta programm ġdid, imsejjaħ "il-Programm tal-Aja: it-tisħiħ tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea"[14]. F'dan il-programm, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta Green Paper dwar is-soluzzjoni tal-kunflitti tal-liġijiet fil-qasam tar-reġim matrimonjali, li tittratta b'mod partikolari l-ġuriżdizzjoni tal-qrati u r-rikonoxximent reċiproku. Dan il-programm jenfasizza l-ħtieġa li, sal-2011, jiġi adottat strument f'dan il-qasam.

(5) Fis-17 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni adottat Green Paper[15] dwar il-kunflitti tal-liġijiet fi kwistjonijiet matrimonjali, inkluża b'mod partikolari l-kwistjoni tal-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent reċiproku. Din il-Green Paper tat bidu għal konsultazzjoni wiesgħa dwar id-diffikultajiet kollha li jiltaqgħu magħhom l-koppji f'kuntest Ewropew meta jkunu qed ixolju l-patrimonju komuni u l-mezzi legali biex isolvuhom. Il-Green Paper ittrattat ukoll il-kwistjonijiet kollha ta' dritt internazzjonali privat li jiltaqgħu magħhom il-koppji li jkunu jinsabu f'tipi ta' unjoni oħrajn apparti miż-żwieġ, b'mod partikolari dawk li jkunu rreġistraw sħubija, u xi kwistjonijiet speċifiċi li jiltaqgħu magħhom.

(6) Il-Programm ta' Stokkolma tal-2009[16], li jistabbilixxi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għas-snin 2010 sal-2014, isemmi wkoll li r-rikonoxximent reċiproku għandu jiġi estiż, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi patrimonjali tas-separazzjoni tal-koppji.

(7) Fir-"Rapport tal-2010 dwar iċ-ċittadinanza tal-Unjoni : Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE"[17], li ġie adottat fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ħabbret l-adozzjoni ta' proposta ta' strument leġiżlattiv li jippermetti li jitneħħew l-ostakoli għall-moviment ħieles tal-persuni u b'mod partikolari d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-koppji fil-ġestjoni tal-proprjetà tagħhom jew meta jkunu qed jaqsmuha.

(8) Il-karatteristiċi speċifiċi rispettivi taż-żewġ tipi ta' unjoni – iż-żwieġ u s-sħubija reġistrata – u d-differenzi li jirriżultaw fil-prinċipji li huma applikabbli għalihom, huma fil-bażi tas-separazzjoni f'żewġ strumenti distinti tad-dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jirregolaw l-aspetti patrimonjali taż-żwiġijiet u dawk iddedikati għall-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet irreġistrati, li għalihom japplika dan ir-Regolament.

(9) Il-mod kif it-tipi ta' unjoni apparti miż-żwieġ huma rikonoxxuti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri jvarja minn Stat Membru għal ieħor u jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-koppji f'unjoni li hija istituzzjonalment rikonoxxuta permezz tar-reġistrazzjoni ta' sħubija ma' awtorità pubblika u l-koppji li jgħixu f'unjonijiet *de facto*. Għalkemm xi Stati Membri jirregolaw dawn tal-aħħar, dawn ma jistgħux jiġu assoċjati mas-sħubijiet reġistrati, li għandhom natura uffiċjali li tippermetti li jitqiesu l-karatteristiċi partikolari tagħhom u li jiġu definiti regoli li japplikaw għalihom fi strument tal-Unjoni. Sabiex is-suq intern

---

14 ĠU C 53, 3.3.2005, p.1.
15 COM(2006) 400.
16 Il-Programm ta' Stokkolma — Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini (ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1).
17 COM(2010) 603.

jiffunzjona tajjeb jeħtieġ li jitneħħew l-ostakoli għall-moviment ħieles tal-persuni li jkunu rreġistraw is-sħubija tagħhom u b'mod partikolari d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom dawn il-koppji fl-amministrazzjoni tal-proprjetà tagħhom u meta jaqsmuha. B'hekk, sabiex jilħaq dawn l-għanijiet, dan ir-Regolament jiġbor fi strument wieħed id-dispożizzjonijiet dwar il-ġuriżdizzjoni tal-qrati, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-atti awtentiċi, kif ukoll l-effetti tal-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fil-konfront ta' terzi persuni.

(10) Dan ir-Regolament jirrigwarda l-kwistjonijiet marbuta mal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati. Il-kunċett ta' "sħubija reġistrata" huwa biss definit għall-finijiet tar-Regolament. Il-kontenut speċifiku ta' dan il-kunċett huwa definit mid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.

(11) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-kwistjonijiet ċivili kollha li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, li jirrigwardaw kemm il-ġestjoni ta' kuljum tal-proprjetà tas-sħab kif ukoll il-likwidazzjoni tagħha, b'mod partikolari minħabba s-separazzjoni tal-koppja jew il-mewt ta' wieħed mill-membri tagħha.

(12) Minħabba li l-obbligi ta' manteniment bejn is-sħab reġistrati huma previsti mir-Regolament (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment[18], dawn għandhom għaldaqstant jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-istess bħall-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-validità u l-effetti tad-donazzjonijiet, li huma koperti mir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali[19].

(13) Il-kwistjonijiet li jirrigwardaw in-natura tad-drittijiet *in rem* li jistgħu jeżistu fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri, bħal dawk marbuta mal-pubblikità ta' dawn id-drittijiet, għandhom ukoll jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif inhuma eskluži mir-Regolament (UE) Nru…/… [*tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni]*[20]. B'hekk, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab proprjetà ta' wieħed mis-sħab jew tat-tnejn li huma, jistgħu jieħdu miżuri li jagħmlu parti mid-dritt *in rem* u li jirrigwardaw, b'mod partikolari, ir-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' din il-proprjetà fir-reġistru pubbliku, meta dan ikun previst mil-liġi ta' dan l-Istat Membru.

(14) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u jiġu ffaċilitati tranżazzjonijiet li jirrigwardaw il-likwidazzjoni tal-proprjetà ta' koppji li jkunu rreġistraw sħubija wara l-mewt ta' wieħed minnhom, il-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali ta' din is-sħubija li jirriżultaw minn din il-mewt għandhom jinstemgħu mill-qrati tal-Istat Membru li jkollhom il-ġuriżdizzjoni biex jittrattaw is-suċċessjoni tas-sieħeb/sieħba il-mejjet/mejta, kif determinati mir-Regolament (UE) Nru…/… [*tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni]*.

---

18 ĠU L 7, 10.1.2009, p. 1.
19 ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.
20 ĠU L [...], […], p.[…].

(15) Bl-istess mod, dan ir-Regolament għandu jippermetti li l-ġuriżdizzjoni tal-qrati ta' Stat Membru li jkunu qed jisimgħu talba ta' xoljiment jew annullament ta' sħubija reġistrata, tiġi estiża għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata li jirriżultaw minn din it-talba, jekk is-sħab jaqblu.

(16) Fis-sitwazzjonijiet l-oħrajn, dan ir-Regolament għandu jippermetti li l-qrati ta' Stat Membru jżommu l-ġuriżdizzjoni territorjali tagħhom biex jisimgħu talbiet li jirrigwardaw l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati skont lista ta' kriterji ta' konnessjoni f'ordni ta' preċedenza li jiżguraw li jkun hemm rabta mill-qrib bejn is-sħab u l-Istat Membru tal-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni. Dawn il-qrati, bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Istat Membru fejn is-sħubija tkun ġiet reġistrata, għandhom il-possibbiltà li jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi nazzjonali tagħhom ma tkunx tipprovdi għas-sħubija reġistrata. Fl-aħħarnett, fil-każ li l-ebda qorti ma jkollha l-ġuriżdizzjoni biex tisma' l-kwistjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament, ġiet inkluża regola ta' ġuriżdizzjoni sussidjarja, sabiex jiġi evitat kull riskju li tinċaħad il-ġustizzja.

(17) Sabiex il-ġustizzja tiffunzjona sewwa jeħtieġ li jiġi evitat li jingħataw deċiżjonijiet inkonċiljabbli f'żewġ Stati Membri. Għal dan il-għan, dan ir-Regolament għandu jipprevedi regoli ġenerali ta' proċedura, ibbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[21].

(18) Sabiex titħaffef il-ġestjoni tal-proprjetà tas-sħab, il-liġi tal-Istat li fih tkun ġiet irreġistrata s-sħubija se tapplika għall-proprjetà kollha tas-sħab, anki jekk din il-liġi ma tkunx il-liġi ta' Stat Membru.

(19) Sabiex titħaffef l-applikazzjoni mill-qrati ta' Stat Membru wieħed tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, li nħoloq bid-Deċiżjoni 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001[22] jista' jkollu rwol ta' informazzjoni għall-qrati dwar il-kontenut tal-liġi barranija.

(20) L-invokazzjoni ta' regoli obbligatorji mill-qrati tal-Istati Membri jista' jkun ġustifikat, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, minn konsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku meta r-rispett ta' tali regoli jkun neċessarju biex titħares l-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tal-Istati kkonċernati. Bl-istess mod, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-qrati tal-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li jwarrbu l-liġi barranija, meta l-applikazzjoni ta' tali liġi f'każ preċiż tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-forum.

(21) Madankollu, ma għandux ikun possibbli għall-qrati li japplikaw l-eċċezzjoni tar-regoli mandatorji u l-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku sabiex ma japplikawx il-liġi ta' Stat Membru ieħor jew jirrifjutaw li jirrikonoxxu jew jeżegwixxu deċiżjoni mogħtija, att awtentiku jew tranżazzjoni ġudizzjarja li jkunu saru fi Stat Membru ieħor, meta l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni tal-ordni pubbliku tkun tmur kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha li jipprojbixxi kull tip ta' diskriminazzjoni. Barra minn dan, ma għandux ikun possibbli għal dawn il-qrati li ma japplikawx il-liġi applikabbli għas-sħubijiet reġistrati għall-unika raġuni li l-liġi tal-forum ma tkunx tirrikonoxxi s-sħubija reġistrata.

---

[21] ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
[22] ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.

(22) Peress li hemm xi Stati li fihom jeżistu kontemporanjament żewġ sistemi legali jew ġabriet ta' regoli jew aktar li jittrattaw il-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament, għandu jiġi previst il-limitu tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament fl-unitajiet territorjali differenti ta' dawn l-Istati.

(23) Minħabba li r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri huwa wieħed mill-għanijiet ta' dan ir-Regolament, dan għandu jipprevedi regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 u adattati, jekk ikun meħtieġ, għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-qasam kopert minn dan ir-Regolament. B'hekk ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni li tkun tirrigwarda, parzjalment jew kompletament, l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, ma jkunux jistgħu jiġu miċħuda fi Stat Membru jekk il-liġi nazzjonali tiegħu ma tkunx tirrikonoxxi tali sħubijiet jew tkun tipprevedi effetti patrimonjali differenti.

(24) Sabiex jitqiesu l-modi differenti li bihom jiġu ttrattati l-kwistjonijiet dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jiżgura r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tal-atti awtentiċi. Għalhekk l-atti awtentiċi ma jistgħux jiġu assimilati ma' deċiżjonijiet tal-qrati f'dak li jirrigwarda r-rikonoxximent tagħhom. Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi jfisser li dawn igawdu mill-istess valur probatorju fir-rigward tal-kontenut tal-att u mill-istess effetti bħal fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, kif ukoll minn preżunzjoni ta' validità li tista' taqa' fil-każ ta' kontestazzjoni.

(25) Jekk il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata trid tirregola r-relazzjonijiet legali bejn wieħed mis-sħab u terza persuna, jeħtieġ li l-kundizzjonijiet dwar l-effetti ta' din il-liġi fil-konfront ta' din it-terza persuna jkunu regolati mil-liġi tal-Istat Membru fejn tkun tinsab ir-residenza abitwali tas-sieħeb/sieħba jew tat-terza persuna, sabiex jitħarsu l-interessi ta' dan tal-aħħar. Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tista' għaldaqstant tipprevedi li dan is-sieħeb/sieħba jkun jista' biss jinvoka l-liġi tar-reġim patrimonjali tiegħu kontra din it-terza persuni sakemm il-kundizzjonijiet ta' reġistrazzjoni jew ta' pubbliċità previsti minn dan l-Istat Membru jkunu ġew rispettati, sakemm it-terza persuna ma tkunx taf jew kellha tkun taf il-liġi applikabbli għall-aspetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

(26) Minħabba l-impenji internazzjonali assunti mill-Istati Membri, dan ir-Regolament ma jaffettwax il-konvenzjonijiet internazzjonali li tagħhom ikun parti Stat Membru wieħed jew ikunu partijiet diversi Stati Membri meta jiġi adottat. Il-koerenza mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament tirrikjedi madankollu li, fost l-Istati Membri, ir-Regolament jipprevali fuq il-konvenzjonijiet.

(27) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan l-Unjoni Ewropea, il-possibbiltà mogħtija lis-sħab li jorganizzaw ir-relazzjonijiet patrimonjali ta' bejniethom u fil-konfront ta' terzi persuni matul il-ħajja tal-koppja u fil-mument meta jillikwidaw il-proprjetà tal-koppja u prevedibbiltà u ċertezza legali akbar, ma jistgħux jitwettqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba d-dimensjonijiet u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jittwettqu aħjar fil-livell tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea tista' tieħu miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà li jinsab fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif jinsab fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(28) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 9, 17, 21 u 47 rispettivament dwar ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għaż-żwieġ u t-twaqqif ta' familja skont il-liġijiet nazzjonali, id-dritt ta' proprjetà, il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni u d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-qrati tal-Istati Membri b'mod li jkun konsistenti ma' dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(29) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, [ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]/[bla ħsara għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex se jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbutin bih jew suġġetti għall-applikazzjoni tiegħu] .

(30) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Tratttat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjoni

Artikolu 1
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-aspetti patrimonjali marbuta mas-sħubijiet reġistrati.

   Huwa ma japplikax, b'mod partikolari, għall-kwistjonijiet fiskali, doganali u amministrattivi.

2. F'dan ir-Regolament, bi "Stat Membru" wieħed għandu jifhem l-Istati Membri kollha ħlief għad-Danimarka, [ir-Renju Unit u l-Irlanda].

3. Dawn li ġejjin huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

   (a) il-proprjetà personali tas-sħubija reġistrata,

   (b) il-kapaċita tas-sħab,

   (c) l-obbligi ta' manteniment,

   (d) id-donazzjonijiet bejn is-sħab,

(e) id-drittijiet ta' suċċessjoni tas-sieħeb/sieħba superstiti,

(f) is-soċjetajiet bejn is-sħab,

(g) in-natura tad-drittijiet *in rem* li jirrigwardaw proprjetà u l-pubbliċità ta' dawn id-drittijiet.

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "effetti patrimonjali" : il-ġabra tar-regoli li jirrigwardaw ir-relazzjonijiet patrimonjali tas-sħab bejniethom u fil-konfront ta' terzi persuni, li jirriżultaw direttament mir-rabta li tinħoloq bir-reġistrazzjoni tas-sħubija;

(b) "sħubija reġistrata": Sistema li tirregola l-ħajja komuni bejn żewġ persuni, prevista mil-liġi u li tagħti lok għal reġistrazzjoni minn awtorità pubblika;

(c) "Att awtentiku": dokument imħejji jew irreġistrat uffiċjalment bħala att awtentiku fl-Istat Membru ta' oriġini u li l-awtentiċità tiegħu:

i) tirrigwarda l-firma u l-kontenut tal-att awtentiku, u

ii) ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa li tagħmel dan;

(d) "deċiżjoni": kull deċiżjoni mogħtija fil-qasam tar-reġim patrimonjali ta' sħubija reġistrata minn qorti ta' Stat Membru, ikun xi jkun l-isem li jingħatalha, bħal sentenza, ġudizzju, ordni jew mandat ta' eżekuzzzjoni, kif ukoll id-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-kawża mir-reġistratur;

(e) "Stat Membru ta' oriġini": l-Istat Membru li fih, skont il-każ, tingħata d-deċiżjoni, jiġi konkluż il-kuntratt ta' sħubija, jitħejja l-att awtentiku jew l-att ta' likwidazzjoni tal-patrimonju komuni jew kull att ieħor li jsir minn awtorità ġudizzjarja jew quddiemha jew li jiġi ddelegat minnha;

(f) "Stat Membru li ssirlu t-talba": l-Istat Membru li fih, skont il-każ, jintalab ir-rikonoxximent u/jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, tal-kuntratt ta' sħubija, tal-att awtentiku jew l-att ta' likwidazzjoni tal-patrimonju komuni jew kull att ieħor li jsir minn awtorità ġudizzjarja jew quddiemha jew li jiġi ddelegat minnha;

(g) "qorti": kull awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istati Membri li twettaq funzjoni ta' qorti fil-qasam tal-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati kif ukoll kull awtorità oħra li ma tkunx ġudizzjarja jew kull persuna li twettaq, b'delega jew b'nomina minn awtorità ġudizzjarja tal-Istati Membri, il-funzjonijiet li jagħmlu parti mill-kompetenzi tal-qrati, kif previsti minn dan ir-Regolament;

(h) "tranżazzjoni ġudizzjarja": ftehim fil-qasam tal-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata approvat minn qorti jew li ġie konkluż quddiem qorti matul il-proċedimenti.

Kapitolu II

Ġuriżdizzjoni

Artikolu 3
Ġuriżdizzjoni fil-każ tal-mewt ta' wieħed mis-sħab

1. Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom titressaq talba dwar is-suċċessjoni ta' wieħed mis-sħab skont ir-Regolament (UE) Nru…/… *[tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni]*, għandhom ukoll ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali tas-sħubija relatati mat-talba.

2. Din il-qorti tista' tirrifjuta l-ġuriżdizzjoni jekk id-dritt tagħha ma jkunx jirrikonoxxi l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata. F'dan il-każ, il-qorti li għandha ġuriżdizzjoni tiġi stabbilita skont l-Artikolu 5.

Artikolu 4
Ġuriżdizzjoni fil-każ tas-separazzjoni tas-sħab

Il-qrati ta' Stat Membru li quddiemhom titressaq talba ta' xoljiment jew annullament ta' sħubija reġistrata, għandhom ukoll ġuriżdizzjoni, fil-każ ta' ftehim bejn is-sħab, biex jiddeċiedu dwar l-effetti patrimonjali marbuta mat-talba.

Dan il-ftehim jista' jiġi konkluż f'kull ħin, anki matul il-proċedimenti. Meta jiġi konkluż qabel il-proċedimenti, huwa għandu jiġi fformulat bil-miktub, jiġi datat u jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet.

Fin-nuqqas ta' ftehim bejn is-sħab, il-ġuriżdizzjoni hija rregolata mill-Artikolu 5.

Artikolu 5
Ġuriżdizzjoni f'każijiet oħrajn

1. Minbarra l-każijiet previsti fl-Artikoli 3 u 4, għandhom il-ġuriżdizzjoni biex jiddeċiedu dwar proċedimenti li jirrigwardaw l-effetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata il-qrati tal-Istat Membru:

   a) tar-residenza abitwali komuni tas-sħab, jew fin-nuqqas ta' dan

   b) tal-aħħar residenza abitwali komuni tas-sħab, jekk wieħed minnhom ikun għadu residenti hemm, jew fin-nuqqas ta' dan

   c) tar-residenza abitwali komuni tal-konvenut, jew fin-nuqqas ta' dan

   d) tar-reġistrazzjoni tas-sħubija.

2. Il-qrati msemmija fil-paragrafu 1(a), (b) u (c) jistgħu jirrifjutaw il-ġuriżdizzjoni jekk il-liġi tagħhom ma tkunx tirrikonoxxi l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata.

Artikolu 6
Ġuriżdizzjoni sussidjarja

Meta ma jkun hemm l-ebda qorti li jkollha ġuriżdizzjoni bis-saħħa tal-Artikoli 3, 4 jew 5 jew il-qorti tkun rrifjutat il-ġuriżdizzjoni, il-qrati ta' Stat Membru għandhom ġuriżdizzjoni safejn:

a) il-proprjetà ta' wieħed mill-partijiet jew tat-tnejn li huma tkun tinsab fit-territorju ta' dak l-Istat Membru; f'liema każ il-qorti li jitressqu l-proċedimenti quddiemha għandha tintalab biex tiddeċiedi biss dwar din il-proprjetà, jew

b) iż-żewġ sħab ikollhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru jew, fil-każ tar-Renju Unit u tal-Irlanda, ikollhom id-domiċilju komuni tagħhom.

Artikolu 7
Forum necessitatis

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni bis-saħħa tal-Artikoli 3, 4, 5 jew 6, jew il-qorti tkun ċaħdet il-ġuriżdizzjoni tagħha, il-qrati ta' Stat Membru jistgħu, b'mod eċċezzjonali u sakemm il-kawża jkollha konnessjoni biżżejjed ma' dak l-Istat Membru, jiddeċiedu fuq l-effetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati jekk jirriżulta li l-proċedura tkun impossibbli jew ma tkunx tista' raġonevolment tiġi ppreżentata jew titmexxa fi Stat terz.

Artikolu 8
Kontrotalba

Il-qorti li jitressqu proċedimenti quddiemha bis-saħħa tal-Artikoli 3, 4, 5, 6 jew 7 u li jkunu pendenti quddiemha tali proċedimenti għandha wkoll il-ġuriżdizzjoni biex teżamina l-kontrotalba, safejn din tkun taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 9
It-tressiq ta' kawża quddiem qorti

Kawża titqies li tkun tressqet quddiem qorti:

a) fid-data meta l-att promotur jew dokument ekwivalenti jiġi ppreżentat lill-qorti, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri li kien meħtieġ jieħu sabiex l-att jiġi notifikat lill-konvenut, jew

b) jekk l-att għandu jiġi notifikat qabel ma jiġi ppreżentat lill-qorti, fid-data li fiha l-awtorità responsabbli għan-notifika tirċevih, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri li kien meħtieġ jieħu sabiex l-att jiġi ppreżentat lill-qorti.

Artikolu 10
Verifika tal-ġuriżdizzjoni

Il-qorti ta' Stat Membru li titressaq quddiemha kawża dwar l-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati u li ma jkollhiex ġuriżdizzjoni li tisma' l-istess kawża bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, għandha tiddikjara *ex officio* li ma għandhiex ġuriżdizzjoni.

Artikolu 11
Verifika tal-ammissibbiltà

1. Meta konvenut li jkollu r-residenza abitwali tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, li ma jkunx l-Istat Membru fejn il-kawża tkun tressqet, ma jidhirx, il-qorti kompetenti hija obbligata tissospendi l-proċedimenti quddiemha sakemm jiġi stabbilit li l-konvenut kien f'pożizzjoni li jirċievi l-att promotur tal-kawża jew att ekwivalenti fi żmien biżżejjed biex ikun jista' jiddefendi ruħu jew li ttieħdu l-passi kollha biex dan isir.

2. L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali[23] għandu japplika minflok id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk l-att promotur tal-kawża jew att ekwivalenti kellu jiġi trażmess minn Stat Membru wieħed lil Stat Membru ieħor skont l-imsemmi Regolament.

3. Meta d-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 ma jkunux applikabbli, l-Artikolu 15 tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-notifika barranija ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġuduzzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali għandu japplika jekk l-att promotur jew dokument ekwivalenti kellu jiġi trażmess barra skont l-imsemmija Konvenzjoni.

Artikolu 12
Lis pendens

1. Meta jitressqu talbiet li jkunu jinvolvu l-istess suġġett u l-istess kawża u li jkunu bejn l-istess partijiet quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, il-qorti li titressaq quddiemha t-tieni talba għandha tissospendi l-proċedimenti quddiemha *ex officio* sakemm tiġi kkonfermata l-ġuriżdizzjoni tal-qorti li quddiemha tkun tressqet l-ewwel talba.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-qorti li titressaq it-talba quddiemha l-ewwel għandha tistabbilixxi jekk għandhiex ġuriżdizzjoni f'terminu ta' sitt xhur ħlief jekk dan jirriżulta li jkun impossibbli minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali. Fuq it-talba ta' kwalunkwe qorti oħra li tkun tressqet it-tilwima quddiemha, il-qorti li quddiemha tkun tressqet it-talba l-ewwel għandha tinformaha bid-data li fiha tressqet it-talba quddiemha u tindikalha jekk iddikjaratx li hija għandha ġuriżdizzjoni fuq it-tilwima jew, fin-nuqqas ta' dan, tgħarrafha biż-żmien li tqis neċessarju biex tistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tagħha.

---

[23] ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79.

3. Meta tiġi kkonfermata l-ġuriżdizzjoni tal-ewwel qorti li quddiemha tkun tressqet l-ewwel talba il-qorti li quddiemha tkun tressqet it-tieni talba għandha ċċedi l-ġuriżdizzjoni favur dik il-qorti.

Artikolu 13
Konnessjoni bejn il-kawżi

1. Meta jkun hemm talbiet li jkun hemm konnessjoni bejniethom u li jkunu pendenti quddiem qrati fi Stati Membri differenti, il-qorti li quddiemha titressaq it-tieni talba tista' tissospendi l-proċedimenti quddiemha.

2. Meta dawn it-talbiet ikunu pendenti quddiem qrati tal-ewwel istanza, il-qorti li titressaq it-tieni talba quddiemha tista' wkoll iċċedi l-ġuriżdizzjoni, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, sakemm il-qorti li tkun tressqet l-ewwel talba quddiemha jkollha ġuriżdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tat-talbiet kkonċernati u sakemm il-liġi tagħha tkun tippermetti li jingħaqdu.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu li huma konnessi dawk it-talbiet li jkun marbuta minħabba relazzjoni hekk mill-qrib illi jkun hemm interess li jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jistgħu jkunu inkonċiljabbli kieku l-kawżi jiġu deċiżi separatament.

Artikolu 14
Miżuri proviżorji u kawtelatorji

Il-qrati ta' Stat Membru jistgħu jintalbu jagħtu dawk il-miżuri proviżorji jew kawtelatorji previsti mil-liġi tal-istess Stat Membru minkejja li, bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, ikunu l-qrati ta' Stat Membru ieħor li jkollhom ġuriżdizzjoni fuq il-mertu.

Kapitolu III

Liġi applikabbli

Artikolu 15
Determinazzjoni tal-liġi applikabbli

Il-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija hija l-liġi tal-Istat li fih tkun ġiet irreġistrata.

Artikolu 16
In-natura universali tar-regola ta' kunflitt tal-liġijiet

Il-liġi indikata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu tapplika anki jekk din il-liġi ma tkunx dik ta' Stat Membru.

Artikolu 17
Regoli obbligatorji

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jippreġudikaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imperattivi li r-rispett tagħhom jitqies li huwa kruċjali minn Stat Membru għas-salvagwardja tal-interessi pubbliċi tiegħu, bħall-organizzazzjoni politika, soċjali jew ekonomika tiegħu, sal-punt li jkun jeħtieġ l-applikazzjoni tagħhom għal kwalunkwe sitwazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-sħubija reġistrata bis-saħħa ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18
Ordni pubbliku tal-forum

1. L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi indikata minn dan ir-Regolament tista' titwarrab biss jekk din l-applikazzjoni tkun manifestament inkompatibbli mal-ordni pubbliku tal-forum..

2. L-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi indikata minn dan ir-Regolament ma tistax titqies li tmur kontra l-ordni pubbliku tal-forum għall-unika raġuni li l-liġi tal-forum ma tirrikonoxxix l-istituzzjoni tas-sħubija reġistrata.

Artikolu 19
Esklużjoni tar-rinviju

Meta dan ir-Regolament ikun jeħtieġ l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat, huwa jfisser l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi sostantiva fis-seħħ f'dak il-pajjiż bl-esklużjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat tiegħu.

Artikolu 20
Stati li jkollhom żewġ sistemi tad-dritt jew aktar – kunflitti tal-liġijiet territorjali

Meta Stat ikun jinkludi diversi unitajiet territorjali li kollha jkollhom is-sistema tad-dritt proprja tagħhom jew il-ġabra ta' regoli proprja tagħhom li jkunu jirrigwardaw il-kwistjonijiet irregolati minn dan ir-Regolament :

a) kull riferiment għal-liġi ta' dan l-Istat għandha tiġi interpretata, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, bħala riferiment għal-liġi fis-seħħ fl-unità territorjali kkonċernata;

b) kull riferiment għar-residenza abitwali f'dan l-Istat għandha tiġi interpretata bħala riferiment għar-residenza abitwali f'unità territorjali;

c) kull riferiment għan-nazzjonalità għandha tirrigwarda l-unità territorjali stabbilita mil-liġi ta' dan l-Istat jew, fin-nuqqas ta' regoli applikabbli, l-unità territorjali magħżula mill-partijiet jew, fin-nuqqas ta' għażla, l-unità territorjali li magħha jkollu l-aktar rabtiet mill-qrib wieħed mis-sħab jew ikollhom l-aktar rabtiet mill-qrib is-sħab.

Kapitolu IV

Rikonoxximent, eżegwibbiltà u eżekuzzjoni

TAQSIMA 1

DEĊIŻJONIJIET

Subtaqsima 1

Rikonoxximent

Artikolu 21
Rikonoxximent tad-deċiżjonijiet

1. Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali.

2. Fil-każ ta' kontestazzjoni, kull parti interessata li tinvoka r-rikonoxximent bħala talba prinċipali, tista' titlob li jiġi kkonstatat, skont il-proċedimenti previsti fl-Artikoli [38 sa 56] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001, li d-deċiżjoni għandha tiġi rikonoxxuta.

3. Jekk ir-rikonoxximent jiġi invokat bħala talba inċidentali quddiem qorti ta' Stat Membru, din ikollha l-ġuriżdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' din it-talba.

Artikolu 22
Raġunijiet għal nuqqas ta' rikonoxximent ta' deċiżjoni

Deċiżjoni ma għandhiex tiġi rikonoxxuta jekk:

a) ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li ssirlu t-talba;

b) l-att promotur jew att ekwivalenti ma jkunx ġie notifikat lill-konvenut kontumaċi fi żmien biżżejjed u b'tali mod li dan ikun jista' jiddefendi ruħu, sakemm huwa ma jkunx appella d-deċiżjoni meta kellu l-possibbiltà li jagħmel dan;

c) tkun inkonċiljabbli ma' deċiżjoni oħra mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru li ssirlu t-talba;

d) tkun inkonċiljabbli ma' deċiżjoni mogħtija preċedentement fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz bejn l-istess partijiet f'tilwima bl-istess suġġett u l-istess kawża, meta d-deċiżjoni

li tkun ingħatat qabel tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru li ssirlu t-talba.

Artikolu 23

Il-projbizzjoni ta' rieżami tal-ġuriżdizzjoni tal-qorti ta' oriġini

1. Ma jistax isir rieżami tal-ġuriżdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini.

2. Il-kriterju tal-ordni pubbliku msemmi fl-Artikolu 18 ma japplikax għar-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni msemmija fl-Artikoli 3 sa 8.

Artikolu 24

Differenzi bejn il-liġijiet applikabbli

Ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni, jew ta' parti minn deċiżjoni, dwar l-aspetti patrimonjali ta' sħubija reġistrata, ma jistgħux jinċaħdu għar-raġuni li l-liġi tal-Istat Membru li ssirlu t-talba ma tkunx tirrikonoxxi s-sħubija reġistrata jew li ma tagħtihiex l-istess effetti patrimonjali.

Artikolu 25

Projbizzjoni ta' rieżami fil-mertu

Id-deċiżjoni barranija ma tista', fl-ebda ċirkustanza, tkun is-suġġett ta' rieżami fil-mertu.

Artikolu 26

Sospensjoni tal-proċedimenti

Il-qorti ta' Stat Membru li quddiemha titressaq talba għar-rikonoxximent ta' deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru ieħor tista' tissospendi l-proċedimenti quddiemha jekk din id-deċiżjoni tkun ġiet appellata.

Subtaqsima 2

Eżekuzzjoni

Artikolu 27

Deċiżjonijiet eżegwibbli

Id-deċiżjonijiet mogħtija fi Stat Membru u li huma eżegwibbli fih u t-tranżazzjonijiet ġudizzjarji, jiġu eżegwiti fl-Istati Membri l-oħra, skont l-Artikoli [38 sa 56 u 58] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

TAQSIMA 2

ATTI AWTENTIĊI U TRANŻAZZJONIJIET ĠUDIZZJARJI

Artikolu 28
Rikonoxximent tal-atti awtentiċi

1. L-atti awtentiċi rċevuti fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra ħlief jekk ikun hemm kontestazzjoni dwar il-validità tagħhom skont il-liġi applikabbli u bil-kundizzjoni li rikonoxximent bħal dan ma jkunx manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li ssirlu t-talba.

2. Ir-rikonoxximent tal-atti awtentiċi għandu l-effett li jagħti lil dawn l-atti valur probatorju fir-rigward tal-kontenut tagħhom kif ukoll preżunzjoni sempliċi ta' validità.

Artikolu 29
Eżegwibbiltà tal-atti awtentiċi

1. L-atti awtentiċi mħejjija u eżegwibbli fi Stat Membru għandhom, fuq rikors, jiġu ddikjarati eżegwibbli fi Stat Membru ieħor, skont il-proċedura prevista fl-Artikoli [38 sa 57] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

2. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors bis-saħħa tal-Artikolu [43 u 44] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 la tista' tiċħad u lanqas tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata l-eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni tal-att awtentiku tkun manifestament kontra l-ordni pubbliku tal-Istat Membru li ssirlu t-talba.

Artikolu 30
Rikonoxximent u eżegwibbiltà ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji

It-tranżazzjonijiet ġudizzjarji li huma eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini huma rikonoxxuti u dikjarati eżegwibbli fi Stat Membru ieħor fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, taħt l-istess kundizzjonijiet li huma l-atti awtentiċi. Il-qorti li quddiemha jiġi ppreżentat rikors bis-saħħa tal-Artikolu [42 jew 44] tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 la għandha tiċħad u lanqas tirrevoka dikjarazzjoni li tikkonstata l-eżegwibbiltà ħlief jekk l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ġudizzjarja tkun manifestament kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

Kapitolu V

Effetti fil-konfront ta' terzi persuni

Artikolu 31

Effetti fil-konfront ta' terzi persuni

1. L-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata fuq relazzjoni legali bejn wieħed mis-sħab u terza persuni huma rregolati mil-liġi tal-Istat tar-reġistrazzjoni tas-sħubija reġistrata msemmi fl-Artikolu 15.

2. Madankollu, id-dritt ta' Stat Membru jista' jipprevedi li l-liġi applikabbli ma tistax tintuża minn wieħed mis-sħab kontra terza persuna meta wieħed mis-sħab jew terza persuna jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u l-kundizzjonijiet dwar il-pubbliċità jew ir-reġistrazzjoni previsti minn dan id-dritt ma jkunux twettqu, sakemm it-terza persuna ma kinitx taf jew kellha tkun taf bil-liġi applikabbli għall-effetti patrimonjali tas-sħubija reġistrata.

3. Bl-istess mod, id-dritt tal-Istat Membru fejn tkun tinstab proprjetà immobbli jista' jipprevedi regola analoga għal dik prevista fil-paragrafu 2 għar-relazzjonijiet legali bejn wieħed mis-sħab u terza persuna dwar tali proprjetà immobbli.

Kapitolu VI

Dispożizzjonijiet ġenerali finali

Artikolu 32

Relazzjonijiet mal-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti

1. Dan ir-Regolament ma għandux effett fuq l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet bilaterali jew multilaterali li Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri jkunu jagħmlu parti minnhom meta jiġi adottat dan ir-Regolament u li jirrigwardaw kwistjonijiet rregolati minnu, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri bis-saħħa tal-Artikolu 351 tat-Trattat.

2. Minkejja l-paragrafu 1, bejn l-Istati Membri, dan ir-Regolament jipprevali fuq il-konvenzjonijiet li jirrigwardaw kwistjonijiet rregolati minnu u li l-Istati Membri jkunu partijiet tagħhom.

Artikolu 33

Informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u tal-awtoritajiet kompetenti

1. Mhux aktar tard mill-[…], l-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni fil-lingwa/lingwi li jqisu xierqa:

   a) deskrizzjoni tal-liġijiet u l-proċeduri nazzjonali tagħhom dwar id-dritt tal-aspetti patrimonjali tas-sħubijiet reġistrati, flimkien mat-testi relevanti,

   b) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar l-effetti fil-konfront ta' terzi persuni msemmija fl-Artikolu 31(2) u (3).

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'kull emenda sussegwenti għal dawn id-dispożizzjonijiet.

3. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi l-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafi 1 u 2 għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz ta' mezzi approprjati, b'mod partikolari permezz tas-sit tal-internet multilingwi tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali.

Artikolu 34

Klawsola ta' reviżjoni

1. Mhux aktar tard minn [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ...], u wara dan kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Flimkien ma' dan ir-rapport, għandu jkun hemm, jekk ikun il-każ, proposti ta' tibdil ta' dan ir-Regolament..

2. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-elementi rilevanti li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-qrati tagħhom.

Artikolu 35

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u IV ta' dan ir-Regolament japplikaw għar-rikorsi ġudizzjarji li jitressqu, għall-atti awtentiċi li jiġu rċevuti, għat-tranżazzjonijiet ġudizzjarju li jsiru u għad-deċiżjonijiet li jingħataw wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. Madankollu, jekk ir-rikors ikun tressaq fl-Istat tal-oriġini qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, id-deċiżjonijiet li jingħataw wara din id-data għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV, sakemm ir-regoli ta' ġuriżdizzjoni applikati jkunu jikkonformaw ma' dawk previsti mid-dispożizzjonijiet tal-Kaptiolu II.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III huma biss applikabbli għas-sħab li jkunu rreġistraw is-sħubija tagħhom.

Artikolu 36
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika minn [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi […], il-[…]

Għall-Kunsill
Il-President